MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2003

Numru 675/1999

Il-Pulizija
(Spettur Abraham Zammit)
vs
Taher Trabelsi

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi Taher Trabelsi, detentur tal-karta tal-identita Nru 11163(A), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fil-5 ta' Settembru 1999 ghall-habta ta' nofsinhar f'Triq Sir Temi Zammit Hal Tarxien minghajr il-hsieb li toqtol jew tqieghed il-hajja ta' Hassain Ismael Dgheem f'periklu car ikkaguna feriti ta' natura gravi, liema feriti kagunaw debbulizza permanenti fis-sahha jwe fil-fuzjoni ta' xi parti tal-gisem jew gabu difett permanenti f'parti ta' ghamla tal-gisem jew sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn offiz, B'arma regolari, inkella bi strument li jaqta jew iniggez skond kif iccertifika Dr Anthony Formosa MD mic-centru ta' Sahha ta' Rahal Gdid.

Talli fl-istess data, lok u cirkustanzi hebb ghal Mausa Alhlal b'arma regulari inkella bi strument li jaqta' jew inigezz u kkaguna keriti ta' natura hafifa skond kif iccertifika Dr Anthony Falzon MD mic-centru ta' Sahha ta' Rahal Gdid;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, waqt li kien qed jaghmel delitt kontra persuna/i kellu fuq l-pesuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew ta' arma regolari;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi zamm strument li jaqta u bil-ponta minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-paci pubblika u l-bon ordni b'ghajjat, glied, storbju jew mod iehor;

Il-Qorti giet mitluba li barra li taghti l-piena stabilita mil-Ligi tapplika l-Art. 383 tal-Kap. 9 tal-Kodici Kriminali;

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tal-19 ta' Novembru 1999 li permezz taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub :

(a) Fl-Artikoli 214, 215, 216, 217, 218, 221, 338(dd), 20, 17 (b), 17 (c), 23 u 533 tal-Kodici Kriminali;
(b) Fl-Artikoli 2, 13, 19, 23, 25, 26 u 27 tal-Kap. 66;

Semghet lix-xhieda kollha li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, d-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' dan il-procediment;

Semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti;

Semghet lill-imputat fuq imsemmi debitament assistit volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet

kollha migjuba kontra tieghu u dana waqt is-seduta tad-29 ta’ Novembru, 2002;

Taqta u tiddeciedi billi issib lill-imputat fuq imsemmi hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dana fuq ammissjoni tieghu stess u wara li l-Qorti rat l-Artikoli kollha imsemmija mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tad-19 ta’ Novembru, 1999.

Ikkunsidrat ghall-fini ta’ piena il-fatt illi l-incident kollu in kwistjoni inqala’ meta l-imputat li kien imsiefer fuq xoghol tkellem ma bintu fuq it-‘telephone’ li infurmatu illi martu kellha relazzjoni ma ragel iehor.  Huwa gie Malta urgentement u t-tifla indikatlu r-ragel u qaltlu li kien dak ir-ragel illi kellu relazzjoni ma martu u kien ghalhekk illi huwa aggredih.  Sussegwentement irrizultalu illi dak ir-ragel li kienet indikatlu bintu ma kienx ir-ragel li allegatament kellu relazzjoni ma martu.  Fil-frattemp kien hemm ragel iehor illi dahal sabiex jghin lill-midrub illi wkoll gie involut fil-glieda mal-imputat.  L-imputat, meta induna bl-izball tieghu, waqaf immedjatament mill-glied u iddikjara mal-pulizija li kien jiddispjacih ferm ta’ dak illi kien gara.  Il-Qorti ikkunsidrat il-fatt illi l-imputat fuq imsemmi ma ghandux xi fedina penali allarmanti, kif ukoll il-fatt illi fil-perjodu in kwistjoni huwa kien ghaddej minn hafna problemi ma martu, liema problemi illum il-gurnata, skond kif xehdet l-istess mara tal-imputat, illum trangaw u issewwew.  Il-Qorti ikkunsidrat ukoll il-fatt illi l-imputat ikkopera ferm mal-pulizija, mal-ewwel ammetta l-involviment tieghu fir-reati in kwistjoni, u irregistra ammissjoni f’dawn il-proceduri.  Ghaldaqstant il-Qorti tara li jkun aktar ta’ beneficcju kemm mal-imputat, kif ukoll ghas-socjeta’ in generali jekk l-imputat jinghata l-ahhar oppportunita sabiex jirriforma ruhu u jaqbad it-triq it-tajba.  Ghaldaqstant, wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 28 A tal-Kap. 9, tikkundanna lill-imputat fuq imsemmi ghal sentejn prigunerija, liema sentejn prigunerija ghandha tkun sospiza ghal erba’ snin mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bir-responsabbilta tieghu skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor, li ghalih hemm il-piena ta’

prigunerija, matul dan il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza sospiza.

Il-Qorti tordna l-konfiska tal-arma illi giet elevata mill-pulizija.

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 383 tal-Kap. 9 u torbot lill-hati b’obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta’ multa ta’ mitt lira ghall-perjodu ta’ tnax il-xahar mil-lum milli b’xi mod jimmolesta aktar lil Mausa Alhlal.

(ft) Rita Mangion
Deputat Registratur

Vera kopja,

Deputat Registratur

--------------------------------TMIEM--------------------------------